MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Numru. 789/2000

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
GLEN BUSUTTIL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Glen Busuttil ta' 23 sena bin Spiridione u Doreen nee Goodlip imwieled Msida fl-10 ta' Jannar 1977 u joqghod Block 4, flat 2, Housing Estate, Attard detentur tal-karta tal-identita numru 139877M talli fit-23 ta' Settembru 1999 f'dawn il-gzejjer ikkometta serq ta' flus, liema ammont hu izjed minn mitt lira izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Ramona Vassallo, liema serq hu aggravat bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elf lira maltin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija irceviet rapport minghand Ramona Vassallo fid-data indikata fic-citazzjoni illi hija kienet sabet l-ammont ta' Lm386 flus kontanti neqsin mill-hand bag taghha. Ramona Vassallo infurmat lill-pulizija illi hija spiccat mix-xoghol, iltaqghet mal-gharus taghha Agius f'Putirjal u aktar tard iltaqghu ma Glen Busuttil u marru mawra bil-karozza taghha DBC 751.

Illi f'nofs din il-mawra hija kienet waqfet quddiem il-Bank taghha, sarrfet ic-cheque tal-paga u poggiethom gol-hand bag. Minhekk marru Santa Lucia biex twassal lill-Agius waqt illi l-imputat Busuttil baqa fil-karozza. Illi minn hemmhekk hija waqfet fi stabbiliment, harget il-hand bag u xtrat pakkett sigaretti u ghaldaqstant kienet f'posizzjoni taccerta li sa dak il-mument l-ammont ta' Lm386 kienu ghadhom ghandha. Illi minn hekk hija poggiet il-hand bag bejn is-seats ta' quddiem, irbulat lura u kompliet issuq lejn il-Belt biex twassal lil Busuttil li appena nizel mill-vettura harab b'girja ghar-residenza tieghu.

Illi dak il-hin stess Ramona Vassallo harset lejn il-hand bag, ratu imqalleb u indunat illi il-flus ma kienux hemm.

Illi din ix-xhieda giet korroborata pjenament min Ramond Vassallo (ara fol 30 et seq).

L-imputat irrilaxxa stqarrija dok GW4 a fol 11 li ghazel illi jiffirma fejn qal illi huwa kien jghix bir-relief u minn dak li kienet taghtih ommu u habiba tieghu.

Innega illi mess xi flus mill-hand bag ta' Ramona Vassallo u qal illi kien pogga huta li kienet go borza fuq il-hand bag ta' Vassallo sabiex hi ma tergax tinsieha.

Xehed wkoll illi huwa dipendenti fuq id-droga u li kien qed jiehu il-Methadone. Din l-istqarrija giet konfermata min PS1338 u min Spettur.

Glen Busuttil min-naha tieghu xehed illi huwa bl-ebda mod ma mess flus ta' Ramona Vassallo, innega li telaq jigri wara li waslietu.

Xehed illi huwa kien nehha il-borza tal-huta min hdejn saqajh u pogga fuq il-hand bag ta' Romana Vassallo sabiex hija ma tinsihiex.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita tevalwa u tezamina il-protagonisti kollha ta' dan il-kaz u hi tal-fehma illi din il-kawza tippernja fuq il-kredibilita o meno tal-partijiet.

Ghal dan il-ghan din il-Qorti ezaminat l-Art 637 tal-kap 9 illi tipprovdi:
**"…. Shall effect only the credibility of the witness, as to which the decision shall lie in the discretion of those who have to judge of the facts, regard being had to the demeanour, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case."**

Illi din il-Qorti rat ix-xhieda preciza u dettaljata ta' Ramona Vassallo u il-fatt illi hija kienet ghadha fil-pussess tal-paga taghha **wara** li telaq l-gharus taghha Agius minn gol-karozza.

Evalwat wkoll it-tbaghbis illi sar fil-hand bag ta' Vassallo mill-imputat meta ha l-opportunita bi skuza tal-huta li jiehu il-paga ta' Vassallo.

Din il-Qorti kellha imbaghad l-opportunita tevalwa ix-xhieda ta' Busuttil u ma issib ebda kredibilita fil-versjoni tieghu aktar u aktar meta tghaqqad flimkien il-manjiera

zbrigattiva li biha telaq mill-vettura ta’ Vassallo u ir-rotta li ha sad-dar tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 279(a), 28A u 28H tal-kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghal hdax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin u tikkundannah jhallas is-somma ta’ Lm386 lil Ramona Vassallo fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------